KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**15/17T**

**Minuti tat-tkomplija tal-ħmistax –il laqgħa tas-sbatax-il sena (Is-sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet nhar it-Tnejn, 4 ta' Ottubru, 2010, fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.00pm.**

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Cleaven Christian Bugeja---Kunsillier
Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier
Is-Sur Carmel Camilleri - Kunsillier
Is-Sur Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Aġenda**

1. **Talba**
2. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**
   **(Minuti tat-3 ta' Settmebru, 2010 14/17)**
3. **Korrispondenza**
4. **Skeda ta' pagamenti**
5. **Tender – Resurfacing of Roads by Public Private Partnership Agreement at Santa Venera**

6. **Tender – Upkeep & Maintenance of Residential Roads & Pavements**

7. **Gieh Santa Venera, 2010**

8. **Ilmenti**

9. **Affarjiet Oħra / Aggornament**

**1. Talba**

Il-laqgħa bidet fis-6.10pm wara talba qasira mis-Sindku u l-kunsillieri preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sur Stephen Sultana qajjem punt dwar il-proċedura li kellha tkun hemm aġenda u mhux sempliċiment avviż li tagħti d-data, ħin u indikazzjoni li din il-laqgħa sejra tkompli fuq l-aġenda kif oriġinarjament ċirkulata fl-ewwel parti ta' din il-laqgħa.

**2(3) Korrispondenza**

**Tkomplija tal-Mistoqsijiet**

**(i)Parking ħdejn il-bini tal-Kunsill**

Is-Sur Stephen Sultana qajjem punt dwar jekk kienx hemm l-awtorizzazjoni dwar iz-zieda tal-parking bays hdejn il-bini tal-Kunsill.
Is-Sindku wieġeb li t-Transport Malta ma għandhom xejn x'jaqsmu dwar dan il-parkeġġ peress li sar mill-fondi tal-Kunsill u dan joffri post fejn dawk li jiġu għand il-Kunsill ikunu jistgħu jipparkjaw bla tfixkil.
Is-Sur Stephen Sultana sostna li Transport Malta approvat parking bay waħda biss.
Is-Sindku nsista li peress li l-art għamilha u ħallas għalija l-Kunsill żgur li m'għandux ikun hemm tfixkil mit-Transport Malta għaliex dan l-ispazju maħluq mill-Kunsill kien qed jiffaċilita' l-parking fl-inħawi.

**(ii)Bins on wheels ta' skart domestiku ħdejn il-bini tal-Kunsill.**

F'dan l-istadju s-Sindku ippropona li jitneħħew l-bins on wheels tal-iskart li hemm ħdejn il-Kunsill, is-Sindku sostna li l-Kunsill għandu jkollu għad-diżpożizzjoni tiegħu tlett postijiet ta' parkeġġ u ikun hemm parking space riservat għan-nies bi bżonnijiet speċjali.
Din il-proposta ġiet sekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa.

Kompliet id-diskussjoni dwar jekk jitneħħewx il-bins on wheels li hemm ħdejn il-bini tal-Kunsill ghaliex dan l-ispazju jsir miżbla. Intqal ukoll li fil-preżent l-iskips qrib il-Kunsill mhux qed ikunu ta' servizz għar-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu madwar Santa Venera hemm għaxar skips u ppropona li fuq xi ftit minn dawn l-iskips jitpoġġew CCTV għaliex b'hekk jonqos l-abbuż.
Is-Sur Stephen Sultana qal li hu kien kontra li jitpoġġew CCTV għaliex din tkun spiża żejda għal Kunsill li ma jiflaħx għal dawn l-ispejjeż.
F'dan l-istadju saret proposta li ssir CCTV fi Triq Dun Xand Cortis k/m Misraħ Santa Venera (u dan mhux fuq spejjes tal-Kunsill) minħabba l-abbużi li qed issir fuq il-bring-in-site, abbużi dwar t-tagħbija u ħatt ta' containers kif ukoll abbużi oħra li qed iseħħu f'din it-triq.
Din il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa u wara tpoġġiet għall-vot

Favur: Is-Sindku s-Sur Horace J Anastasi
Il-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa
Il-Kunsilliera s-Sinjura Mariella Micallef

Kontra: Il-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana
Il-Kunsillier s-Sur Edwin Formosa
Il-Kunsillier s-Sur Cleaven Bugeja

Casting vote: Sindku s-Sur Horace J. Anastasi

Din il-mozzjoni għaddiet bil-casting vote tas-Sindku.

**(iii) Proposta li jitneħħew il-bins on wheels tal-iskart domestiku li jinsabu ħdejn il-Kunsill.**
Din il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa u wara tpoġġiet għall-vot.

**Favur:** is-Sindku s-Sur Horace J. Anastasi
il-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa
Kunsilliera s-Sinjura Mariella Micallef

**Kontra:** kunsillier is-Sur Stephen Sultana
Kunsillier is-Sur Edwin Formosa
Kunsillier is-Sur Cleaven Bugeja

Casting vote tas-Sindku s-Sur Horace J. Anastasi

Din il-mozzjoni għaddiet bil-casting vote tas-Sindku.

**(iv) Nota ta' spjegazzjoni personali.**

Is-Sur Stephen Sultana qal li hu ivvota kontra għaliex hu jħoss li l-infurzar tal-liġi għandu jsir mill-gwardjani lokali. Għal dan is-Sindku wieġeb li l-infurzar bis-servizz

tal-wardens kien qed jintalab u jsir regolarment iżda xorta baqa' l-abbuż u għalhekk hemm bżonn is-servizz tas-CCTV.

**3 (4) Skeda ta' Pagamenti**
F'dan l-istadju quddiem il-Kunsill ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti mit-28 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Settembru 2010 għas-somma ta' €37653.86

**(i) OVERTIME**
Is-Sur Stephen Sultana staqsa kemm tħallas overtime u lill min tħallas dan l-overtime. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sejjer jindaga dwar dan u jwieġeb fil-laqgħa li jmiss.

**(ii) Billboard Advertising Ltd €324.43**
Il-Kunsill qabel li peress li dan il-bill board ma kienx ġie rrapurtat minn qabel mill-Kunsill skont il-proċeduri stabbiliti, dan il-pagament m'għandux isir u għalhekk għandu jitnaqqas mill-lista' kif presentata.

(iii) Payment Voucher 336 – laptop €860
Payment Voucher 345 – siggu €318.01

Is-Sur Stephen Sultana qajjem il-punt u saret diskussjoni dwar li peress lix-xiri ta' dawn l-oġġetti ma ġewx approvati minn qabel mill-Kunsill skont il-proċeduri stabbiliti l-pagament ta' dawn l-oġġetti ma għandux isir.

Is-Sindku insista li dawn l-oġġetti kienu bżonjużi għall-uffiċċju u peress lis-siġġu kien diġa' ġie approvat anke meta l-istess is-Sur Stephen Sultana kien jokkupa l-pożizzjoni ta' Sindku u peress li laptop kien inxtara minħabba l-fatt li l-laptop tal-eks Sindku kien ''beyond repairs'' l-pagament ta' dawn iż-żewġ oġġetti ta' uttilita' għax-xogħol tas-Sindku għandu jsir għaliex ma hemm xejn irregolari dwar dan.

Saret proposta mis-Sindku illi Payment Voucher 336 – laptop €860 u Payment Voucher 345 – siggu €318.01 li diġa' inxtraw u li jinsabu fl-uffiċċju tas-sindku għandhom jiġu approvati u jitħallsu skont kif tidher fuq il-lista tal-pagamenti kif ippreżentata lill-Kunsill.

Din il-proposta ġiet sekondata mill-Viċi Sindku is-Sur Ronald Briffa.

F'dan l-istadju s-Sindku sejjah sospenzjoni tal-laqgħa għal-kwarta.
Fis-7.15pm (wara s-sospensjoni tal-laqgħa) daħal il-kunsillier is-Sur Carmel Camilleri u l-laqgħa kompliet.

Il-proposta għaddiet għal vot.

Favur: Is-Sindku s-Sur Horace J. Anastasi
Il-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa
Il-Kunsillier is-Sur Carmel Camilleri

Il-Kunsilliera s-Sinjura Mariella Micallef

Kontra: il-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana
Il-Kunsillier is-Sur Edwin Formosa
Il-Kunsillier Cleaven Bugeja

Il-proposta dwar il-pagament ta' PV 336 – laptop €860 u PV 345 siggu €318.01 għaddiet u ġiet approvata.

Il-kunsillieri li vvotaw kontra din il-proposta komplew jinsistu li peress lix-xiri kemm tas-siġġu kif ukoll tal-laptop ma ġewx approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill f'din il-leġislatura huma sejrin jitolbu ruling minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-validita' tal-proposta li taqbel li jinxtraw u jitħallsu dawn l-oġġetti.

**4 (5.) Tender – Resurfacing of Roads by PPP Agreement at Santa Venera**

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi qed jistenna l-evalwazzjoni tal-Perit tal-Kunsill malli jirċievi dan ir-rapport sejjer jinforma lill-Kunsill sabiex tittieħed deċiżjoni tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**5 (6.) Tender – Upkeep & Maintenance of Residential Roads and Pavements**

Is-Sur Stephen Sultana qal li din it-tender kien rebaħa l-kuntrattur Central Asphalt skont kif huwa indikat fil-minuti tal-laqgħa tal-25 ta' Mejju, 2010 minuta 4.1.

Il-Kunsill qabel li jiġi ffirmat il-kuntratt kif meħtieġ.

**(i) Toroq ohra**
F'dan l-istadju ġie mqajjem il-punt li ġewwa Santa Venera għadd hemm ħafna toroq li jeħtieġu attenzjoni u xogħolijiet għaliex jinstabu fi stat ħażin.

Il-Kunsill qabel li jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll direttament lill-Onorevoli Ministru Austin Gatt dwar dawn it-toroq:

- ⇒ Triq Palazz l-Aħmar
- ⇒ Triq Abela
- ⇒ Triq San Ġorġ
- ⇒ Triq Ġdida fi Triq l-Imsida
- ⇒ Triq l-Istampaturi

**6 (7.) Ġieħ Santa Venera 2010**
Is-Sindku qal li dan il-Ġieħ sejjer jingħata waqt l-okkażjoni tal-14 ta' Novembru, 2010 u li kien hemm biss nomina waħda li kienet dwar dik tal-eks Sindku tal-Kunsill Lokali Santa Venera s-Sur Michael Caruana.

Is-Sindku qal lis-Sur Michael Caruana għandu l-mertu ta' dan il-Ġieħ u peress li ma kienx hemm aktar nominazzjonijiet dan il-meritu għandu jmur għand is-Sur Michael Caruana.
Saret diskussjoni u s-Sur Stephen Sultana ġibed l-attenzjoni li l-affarijiet għandhom jimxu skont il-proċedura u li l-Kumitat dwar Ġieħ Santa Venera għadu validu u fis-seħħ. F'dan l-istadju ntalab vot.
Tresqet proposta mis-Sindku u sekondata mill Vici Sindku dwar li dan il-Gieh ghandu jinghata lis-Sur Michael Caruana. Din il-proposta tresqet ghall-vot.

Favur: Is-Sur Horace J. Anastasi
Is-Sur Ronald Briffa
Is-Sinjura Mariella Micallef

Kontra: Is-Sur Stephen Sultana
Is-Sur Cleaven Bugeja
Is-Sur Edwin Formosa

Casting vote tas-Sindku

Din il-proposta għaddiet u għalhekk il-Kunsill qabel illi s-Sur Michael Caruana għandu jinghata Ġieħ Santa Venera 2010.

(Skużat: Fit-8.00pm il-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa talab li jiġi skużat minħabba mpenji oħra.)

F' dan l-istadju s-Sindku spjega li Jum Santa Venera 2010 kien sejjer ikun mifrux fuq jumejn s-Sibt 13 ta' Novembru, 2010 u l-Ħadd 14 ta' Novembru, 2010.

Dan il-programm sejjer ikun fih Fiera' tal-Għasel li għalija l-Kunsill mhux sejjer jagħmel ebda pagament.
Is-Sindku propona u sar qbil li jkun hemm working group magħmul mis-Sindku, s-Sur Ronald Briffa, u mis-Sur Cleaven Bugeja sabiex jiġi mfassal program li għandu jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**7 (8.) Ilmenti**

Il-Kunsill ikkunsidra lista tal-Ilmenti min-Numru 366 sa 384 u qabel li tittehed l-azzjoni mehtiega:

(366) Il-Kunsill qabel.
(367) Il-Kunsill qabel li ghalissa jhalli l-kaz pendenti.
(368) Il-Kunsill qabel.
(369) Il-Kunsill qabel b'1.2 metri.
(370) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lil Gvern Centrali.
(371) on hold
(372) Il-Kunsill qabel li ssir meta jsir il-progett tal-bankina.
(373) Il-Kunsill qabel li tinzabar.

(374) Il-Kunsill ma qabilx.
(375) Il-Kunsill qabel li ssir.
(376) on hold
(377) Il-Kunsill qabel li jezamina l-kaz.
(378) Il-Kunsill qabel li jitlob lil Gvern Centrali.
(379) Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra.
(380) on hold
(381) Il-Kunsill qabel li jinvestiga l-kaz.
(382) Il-Kunsill qabel sabiex issir talba lit-TM biex taghmel tabella.
(383) Il-Kunsill qabel li dan huwa kaz ta infurzar ghalhekk isir rapport lil wardens.
(384) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lil ADT rigward toroq godda.

**8 (9.)** Affarijiet oħra/aġġornament

**(i)Triq l-Imsida**

Saret proposta li jsir refresh tas-sinjali u parking bays. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qabel li din il-proposta tinżamm on hold.

**(ii) Triq il-Kanun**

Il-Kunsill gie infurmat li gewwa din it-Triq, it-Trasport Malta (TM) ghamlet it-tarmac izda ma ghamlitx is-sinjali tat-Traffiku kif mehtieg.

Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lit-TM sabiex taghmel is-sinjali tat-traffiku kif mehtieg spejjez tat-TM.

**(iii) Refresh tas-Sinjali fi Triq it-Turretta u Triq l-Imsida**

Il-Kunsill qabel li jaghmel refresh tas-sinjali tat-traffiku kif mehtieg.

**(iv) Bieb antik**

Il-Kunsill ikkonferma li ghandu jitlob lil ironmonger biswit ta’ dan il-bieb antik sabiex innehhi s-sinjali u jahdem sabiex dan il-bieb jigi preservat.

**(v) Pots quddiem Park Towers Supermarket**

Il-Kunsill qabel li ssir talba lit-TM sabiex fi Triq il-Ferrovija, quddiem Park Towers Supermarket isiru l-pots sabiex isebhu l-ambjent.

**(vi) Zebra Crossing / Pellican Lights**

Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex flok iz-Zebra Crossing issir mit-Triq il-Parilja ghat-Triq il-Ferrovija u Zebra Crossing / Pellican Lights isiru hdejn il-Park Towers Supermarket u b’hekk tizdied is-sigurta kemm ghas-sewwieqa kif ukoll ghal pedestrians.

**(vii) Rizenja tas-Sinjorina Denise Cutajar**

Il-Kunsill ikkonferma dwar din l-impjegata li peress li hadet full time job b'sehh mit-23 ta' Settembru 2010 u peress li qieghdha wkoll tattendi kors part-time fl-Universita ftit jibqala hin li tattendi ghas-servizz tal-Kunsill.

Il-Kunsill iddecieda li din l-ex impjegata tibqa' tattendi l-Kunsill f'hinijiet limitati, inkuz is-Sibt sabiex b'hekk jitnaqqas dak dovut bhala notice tat-tmiem ta' l-impjieg u jinhadem kull entitlement favur l-ex impjegata u dan sa l-ahhar ta' Ottubru, 2010 li hija l-ahhar gurnata li sejra tattendi fl-Ufficju tal-Kunsill..

Il-Kunsill qabel li jkompli proceduri sabiex timtela din il-vakanza skond il-ligi u proceduri stabbilita.

(**viii) Ghazla ta Segretarju Ezekuttiv Full Time**
F'dan l-istadju l-Kunsill qabel ukoll illi ghandha issir insistenza fuq id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinhatar Segretarju Ezekuttiv b'mod permanenti anke jekk dan ikun ifisser li l-Agent Segretarju Ezekuttiv ikompli ghin lil-Kunsill kif ikun mehtieg.

**(ix) Haddiema assenjati mal-Kunsill**

Is-Sindku spjega li fl-20 ta' Settembru, 2010 l-impjegat tal-IPSL is-Sur Mario Camilleri irraporta li wegga subajh.

Fit-22 ta' Settembru, 2010 is-Sindku gie infurmat li wara li s-Sur Mario Camilleri iffirma l-attendance sheet huwa talab lil-iskrivana sabiex ihassar il-firma u taghmilha Injury Leave.

Is-Sindku kompla qal li s-Sibt 25 ta' Settembru, 2010 sar jaf li s-Sur Mario Camilleri kien talab lil-iskrivana ohra tal-Kunsill sabiex timla l-NI30 u sejjah impjegat iehor assenjat mal-Kunsill bhala xhud.

Is-Sindku qal li huwa informa lil IPSL dwar dan u dwar il-programm ta' xoghol tal-Kunsill specjalment fil-Gnien Romeo Romano.

Is-Sindku qal li sar qbil li l-impjegati tal-IPSL ma jibqghux taht il-kontroll dirett tal-Kunsill Lokali Santa Venera. Is-Sindku qal li d-dirigenti tal-IPSL infurmawh li huma lesti jikkoperaw mal-Kunsill u joffru l-haddiema kemm ikun mehtieg.

Is-Sindku qal li issa l-Kunsill ghandu haddiem wiehed assenjat mieghu li dan mhux ta' l-IPSL izda impjegat tal-Gvern.

Saret diskussjoni dwar kif il-Kunsill tilef il-kontroll fuq dawn il-haddiema u li l-Kunsill sejjer ikun kostrett li kontinwament imur fuq l-IPSL sabiex jipprovdu ghal htiega tal-

Kunsill. Il-Kunsillieri s-Sur Stephen Sultana u s-Sur Edwin Formosa sostnew li l-Kunsill kellu jkun infurmat minn qabel li kien sejjer jitlef il-kontroll ta' dawn il-haddiema.

Is-Sindku invista li wara li jitlesta l-progett tal-Gnien Romeo Romano dawn il-haddiema tal-IPSL jergghu jigu mal-Kunsill minghajr is-Sur Mario Camilleri.

**Aggornament**

Il-laqgha giet aggornata fid-9.15pm ghal nhar il-Hamis 28 ta' Ottubru, 2010 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

Data: ________________